MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 2387/2004

**Emanuel Coleiro**
**vs**

**Frank Mifsud**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Dicembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00), rapprezentanti sehmu mis-subcens perpetwu ghall-iskadenzi tal-11 t'April 2001 sal-11 t'April, 2004, dovut in konnessjoni mal-appartament numru 1, 214, Tower Road, Sliema ai termini tal-kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dr. Angelo Sammut tal-11 ta' April, 1974 u ghalkemm debitament interpellat, il-konvenut naqas milli jhallas l-ammont minnu dovut.**
**Bl-imghax mid-data ta' kull skadenza u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Settembru, 2004 kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fid-29 ta' April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00) kif fuq inghad bl-imghax legali mid-data ta' kull skadenza.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Settembru, 2004, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------